QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 220/02 DM

M. Demajo & Co Ltd

Vs

Davison Co Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas tas-somma ta' elf hames mija u erbgha u tmenin lira u tmenin centezmu (Lm1,584.80) prezz ta' merci konsistenti f'tyres lilhom mibjugh u kkonsenjati.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru 1998 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti pprezentaw nota ta' ammissjoni fl-atti tal-kawza fis-seduta tal-llum stess.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta ggustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont mitlub ta’ Lm1, 584.80 (elf hames mija u erba’ u tmenin lira Maltin u tmenin centezmi ) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mill-1  ta’ Settembru 1998;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

...................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep /  Reg
Civil 44